# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 115/2022 ISB**

**L-Avukat Dr Marlon Borg (K.I. 304189M) bħala l-mandatarju speċjali ta' Prof. Marek Ehrlich (detentur tal-passaport Awstrijan U1368508)**

**Vs**

**Virtual Digital Services Limited (C90997)**

**DIN HIJA SENTENZA PARZJALI FIR-RIGWARD TAL-EWWEL EĊĊEZZJONI MRESSQA MIS-SOĊJETA` INTIMATA FIR-RISPOSTA TAGĦHA TAD-19 TA' JANNAR 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tal-**Avukat Dr Marlon Borg noe** intavolat fl-14 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

i. ***Tiddikjara*** *u* ***Tiddeċiedi*** *illi s-soċjeta` intimata mhijiex f'qagħda illi tħallas id-djun tagħha ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. ***Tiddikjara*** *u* ***Tiddeċiedi*** *illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

iii. ***Tordna*** *x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta` intimata ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) u tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

iv. ***Tappunta*** *amministratur provviżorju sabiex jieħu kontroll tal-assi kollha tas-soċjeta` intimata u jaqdi dawk il-funzjonijiet indikati lilu mill-Qorti, u tagħtih dawk il-poteri kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi li jkunu eżerċitabbli taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;*

v. ***Tagħti*** *kull provvediment ieħor opportun sabiex jinħatar stralċjarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta` intimata ai termini tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi s-soċjeta` intimata Virtual Digital Services Limited (C 90997) hija soċjeta` b'responsabbilta` limitata reġistrata Malta (estratt mis-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta qiegħed jiġi hawn anness u mmarkata bħala '**Dok MB2**'), li topera fil-qasam tal-Online Gaming permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Malta Gaming Authority bin-numru MGA/CRP/543/2018 (estratt mis-sit elettroniku tal-Malta Gaming Authority hawn anness u mmarkat bħala '**Dok MB3**');*

2. *Illi nhar it-28 ta' Jannar 2022, l-esponenti nomine kiseb sentenza finali u mhux appellabbli kontra s-soċjeta` intimata*

*mill-Qorti ta' 'Landesgericht fur Zivilrechtssanchen Wien', fl-Awstrija (is-"**Sentenza**") (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok MB4**', flimkien mat-traduzzjoni relattiva hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok MB5**', fejn ġie kanonizzat kreditur tal-istess soċjeta` intimata fl-ammont ta' erba' mija, tmienja u tmenin elf, ħames mija, sitta u erbgħin Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€488,546.47), bl-interessi bir-rata t' erbgħa fil-mija (4%) mill-4 ta' Lulju 2019, u rimbors tal-ispejjeż legali fl-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija u tlettax-il ewro erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€16,613.24). Dan wara li l-Qrati fl-Awstrija sabu li s-soċjeta` intimata kienet qiegħda topera gaming website tramite s-sit tagħha https://www.888poker.com fl-Awstrija b'mod illegali stante li dawn l-istess servizzi ma setgħux jiġu offruti fil-ġurisdizzjoni Awstrijaka;*

3. *Illi  l-esponenti nomine ottjena wkoll 'European Enforcement Order Certificate' ai termini tal-artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 Tal-Parlament Ewropew u Tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ir-"**Regolament**") (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok MB6**');*

4. *Illi permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 3122/2022, l-esponenti nomine filwaqt illi nnotifika lis-soċjeta` intimata bis-Sentenza, interpella lill-istess soċjeta` intimata sabiex tħallas l-ammont kumplessiv ta' ħames mija u erbgħa u sittin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin Euro sitta u erbgħin ċenteżmu (€564,695.46) (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok MB7**');*

5. *Illi in segwitu tal-ittra uffiċjali msemmija, nhar l-20 ta' Lulju 2022, l-esponenti nomine ppreżenta wkoll mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 980/2022 fl-istess ismijiet, (kopja tal-mandat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dok MB8**'), in segwitu ta' liema ma ġew depożitati l-ebda flejjes mis-sekwestratarji taħt l-awtorita` tal-Qorti;*

6. *Illi l-esponenti nomine intavola wkoll rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru ta' referenza 515/2022RGM fl-ismijiet 'L-Avukat Dr Marlon Borg noe vs Virtual Digital Services Limited' (kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dok MB9**'), fejn l-esponenti qiegħed jitlob lil dik l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi "m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' 'Landesgerich fur Zivilrechtssanchen Wien', fl-Awstrija kontra l-kumpannija intimata tat-28 ta' Jannar 2022";*

7. *Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet lis-soċjeta` intimata sabiex tissodisfa l-kreditu tal-esponenti, is-soċjeta` intimata mhux talli għażlet li tibqa' inadempjenti, talli għażlet li tikkontesta r-rikonoxximent tas-Sentenza f'Malta fuq raġunijiet ta' strateġija pubblika (ordre public) – u dan meta s-soċjeta` intimata stess taf sewwa illi l-argomentazzjoni tagħha ma għandu l-ebda bażi legali stante li ġja hemm diversi sentenzi tal-European Court of Justice dwar l-istess suġġett;*[1]

8. *Illi s-soċjeta` intimata taf ben tajjeb li l-esponenti nomine għandu titolu eżekuttiv esegwibbli fil-konfront tagħha, u taf ben tajjeb ukoll li jekk hi għandha xi ilment xi tressaq dwar is-Sentenza, dan għandha tindirizzah fil-konfront tal-awtoritajiet Awstrijaċi fil-forum kompetenti u mhux tittenta tiżgiċċa b'raġġieri u manuvri qarrieqa u frawdolenti milli tħallas dak li huwa ben dovut lill-kredituri tagħha;*

9. *Illi fil-ġimgħat u x-xhur qabel il-preżentata ta' dan ir-rikors, ġraw diversi avvenimenti li jagħtu x'jifhem lill-esponenti illi s-soċjeta` intimata ma għandhiex fondi suffiċjenti sabiex tissodisfa l-krediti tagħha, inter alia, il-fatt li ma ġew depożitati l-ebda fondi taħt l-awtorita` tal-Qorti in segwitu għall-mandat ta' sekwestru, il-fatt li s-soċjeta` intimata qiegħda tikkontesta r-rikonoxximent tas-Sentenza a bażi ta' argomentazzjoni li ma ssib l-ebda bażi fil-liġi, l-fatt li minn riċerki mħejjija fir-Reġistru Pubbliku jirriżulta*

[1] *Vide* *C-920/19* ***Fluctus s.r.o and Other v Landespolizeidirektion Steiermark [18.05.2021]***
*C-347/09* ***Dickiger and Omer [15.09.2011]***
*C-42/07* ***Liga Portuguesa de Futebol Profissional (CA/LPFP) BAW International Ltd v Departamento de Jogos da Santa Casa da Misericordia de Lisboa [2009]***

*li s-soċjeta` intimata m'għandha l-ebda assi mmobbli f' Malta*[2]*, u l-fatt l-esponenti ġie konsapevoli tal-istruttura tal-grupp ta' kumpanniji li s-soċjeta` intimata tifforma parti minnhu li jqajjem diversi suspetti dwar negozju ħazin u / jew addirittura frawdolenti;*

10. *Illi għandu jirriżulta tul il-mori ta' dawn il-proċeduri illi s-soċjeta` intimata mhix f'posizzjoni li tista' tħallas id-djun tagħha u / jew li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw x-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta` intimata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) u 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

11. *Illi għalhekk l-esponenti nomine jinsab kostrett illi jipproċedi b'dan ir-rikors sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors promotur (Dok MB 1 sa Dok MB 9) (fol 7 sa fol 56).

Rat ir-**risposta** ta' **Virtual Digital Services Limited** intavolata fid-19 ta' Jannar 2023 (fol 66), b'dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha eċċepiet:

1. ***Illi fl-ewwel lok u preliminarjament id-dritt tar-rikorrent bħala allegat kreditur sabiex iressaq dawn il-proċeduri ġie sospiż u għandu jibqa sospiż għal perjodu ta' erbgħin (40) jum wara ordni tal-Ministru sabiex jwaqqaf din is-sospensjoni u dan ai termini tal-Artikolu 3(1) u (2) tal-Liġi Sussidjarja 386.24 ossia il- Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations. Illi ġaladarba l-Onor. Ministru għadu ma tgħax ordni sabiex ineħħi s-sospensjoni jirriżulta li dan l-artikolu għadu applikabbli u viġenti u għalhekk id-dritt tar-rikorrent bħala allegat kreditur sabiex jistitwixxi dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 214 u 218 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta għadu sospiż u l-kawża odjerna għandha għalhekk tiġi sospiża, differita sine die*[3]**.**

[2] Vera kopja tar-riċerki magħmula mmarkati bħala '**Dok MB10**'
[3] "In Bold" ghall-emfasi peress illi hija l-eccezzjoni trattata f'din is-sentenza parzjali

2. *Illi fit-tieni lok u preliminarjament, mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti f'dan l-istadju teċċepexxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku u locus standi tar-rikorrent il-Prof. Marek Ehrlich sabiex iressaq din il-kawża ai termini tal-Artikolu 218(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li t-titolu ta' kreditur u l-kreditu relattiv vantat mill-istess rikorrent qiegħed jiġi kkontestat fi proċeduri separati li għadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

3. *Illi, fit-tielet lok, kif indika r-rikorrent stess fir-rikors promotur tiegħu bħalissa għaddejjin proċeduri separati fl-istess ismijiet fuq premessi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rikors Nru 515/2022) li permezz tagħhom is-soċjeta' esponenti qiegħda tikkontesta t-talba tar-rikorrent għal-dikjarazzjoni illi m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Awstrijaka li qiegħed iserraħ it-talba tiegħu fuqha abbażi tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ir-"**Regolament**"). F'dawk il-proċeduri s-soċjeta' esponenti-qiegħda topponi bil-qawwa, r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka a bażi tal-artikolu 45(1) u 46 tar-Regolament minħabba l-fatt dan ser ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika jew ordni pubbliku (ordre public) ta' l-istat Malti (vide r-risposta tas-soċjeta' Virtual Digital Services Limited fil-proċeduri fl-ismijiet Borg Avukat Dr Marlon Noe v Virtual Digital Services Limited (Rikors Nru 515/2022 RGM) annessa bhala **Dok A**).*

   *Bir-rispett kollhu r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċeduri odjerni sabiex mingħalih jitfa pressjoni spoporzjonata fuq is-soċjeta' esponenti u dan peress li:*

   i. *Ir-rikorrent jaf ben tajjeb li allegat ħlas dovut lilu ma sarx, mhux għaliex is-soċjeta' esponenti ma hijiex f'posizzjoni li tħallas id-djun tagħha, jew minħabba l-istat finanzjarju tagħha, iżda minħabba l-fatt li s-soċjeta' esponeti, flimkien ma operaturi oħra fil-qasam tal-logħob tal-ażżard kif regolat skond il-liġi Maltija, qegħdin jikkontestaw l-*

*enforzar ġewwa Malta tas-sentenzi kif pronunzjati mill-Qrati fl-Awstrija u għalhekk f'dan l-istadju r-rikorrent ma jistax jiġi kkunsidrat bħala kreditur ai termini tal-artikolu 218(1) tal-Kap 346;*

ii. *Illi s- soċjetà Virtual Digital Services Limited hija soċjetà Maltija, liċenzjata mill- Awtorita tal-Logħob f'Malta ("**MGA"),** sabiex topera u tipprovdi servizzi tal-online gaming (il-logħob tal-ażżard online) minn Malta (vide estratt tal-licenzja annessa mar-rikros promotur bhala "Dok MB 3"). Is-soċjeta' esponenti tifforma parti mill-grupp magħruf bħala '888.com', hekk kif jirriżulta minn sempliċi tfittxija fuq 'google' (vide **Dok B1** u **Dok B2**). L-imsemmi grupp jimpjega madwar tnax -il elf (12,000) impjegat globalment, u huwa wieħed mill-operaturi ewliena fl-industrija tal-logħob tal-ażżard fid-dinja. Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-grupp "jqajjem suspetti dwar negozju hażin u/jew addirittura frawdolenti" hija frivola u bla bażi legali u s-soċjeta esponenti qegħda min issa tirriżerva d-dritt tagħha li tistitwixxi proċeduri ad hoc kontra r-rikorrent f'dan ir-rigward;*

iii. *Għal kuntrarju ta' dak li qiegħed jiġi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur ma huma qegħdin jsiru ebda manuvri qarrieqa u frawdolenti da parti tas-soċjeta' esponenti sabiex jiġi eluż l-allegat kreditu tar-rikorrent jew il-mandanti tiegħu. Kif diġa ingħad, is-soċjeta' esponenti qiegħda tikkontesta t-titolu vantat mir-rikorrent u l-kreditu tiegħu kif inhu d-dritt tagħha li tagħmel ai termini tar-Regolament. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad illi l-online gaming (il-logħob tal-ażżard online) ġewwa l-Awstrija huwa preżentament soġġett għal restrizzjonijiet sostanzjali għall-kummerċ ħieles kif preskritt mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("**TFUE**"); senjatament għaliex il-liġi Awstrijaka rilevanti, l-Glücksspielgesetz ("**GSpG**") effettivament qed toħloq monopolju għal-logħob tal-ażżard online ġewwa l-Awstrija a skapitu ta' operaturi oħra li qed joperaw f'dan is-settur leġittimament b'liċenzji maħruġa skond il-liġi ta' pajjiżi oħra Ewropej;*

iv. *Illi l-monopolist Casino Austria AG, m'għadux proprjeta' esklussiva tal-istat Awstrijak tant li l-istat Awstrijak huwa issa azzjonist b'minoranza tal-ishma; b' interess ta' ftit iktar minn tletin fil-mija (30%) biss. Ilum il-ġurnata l-monopolist huwa wkoll proprjeta' ta' intrapriża privata; il-grupp Ċek, Sazka Group (liema grupp issa jismu "Allwyn") li għandu interess ta' disgħa u ħamsin punt sebgħa fil-mija (59.7%) u illi huwa għalhekk l-azzjonista bil-maġġoranza tal-ishma illi jeżerċita kontroll sinifikanti fil-monopolist Casino Austria AG. Dan ifisser illi l-maġġoranza tad-dħul tal-monopolist Awstrijak imur għand intrapriża privata;*

v. *Illi b'referenza għal sentenzi varji preċedenti tal-Qrati Awstrijaċi, il-Qorti Awstrijaka kkonkludiet illi l-monopolju tal-logħob tal-ażżard Awstrijak (kif hawn fuq msemmi) ma jivvjolax il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, senjatament l-Artikolu 56 tat-TFUE u għaldaqstant kwalunkwe operatur f'dan il-qasam, inkluż inter alia s-soċjeta' esponenti, u l-provvista minnhom ta' servizzi tal-logħob tal-ażżard minn Malta jikkostitwixxi "prohibited games of chance (which) do not even establish a natural obligation", u dan minkejja l-fatt li l-operat qiegħed isir in konformita' mal-liġi Maltija u dik tal-Unjoni Ewropea;*

vi. *In vista ta' dan kollhu jista' jingħad li nħolqot revoluzzjoni f'dan is-settur u dan stante li l-operaturi f'Malta qegħdin jiġu rinfaċċati b'sentenzi ppronuzjati kontrijhom ġewwa l-Awstrija għat-telf li sofrew il-ġugaturi, fuq l-hekk imsejjah "logħob ipprojbit" bl-ispejjeż u imgħax statutorju. Dawn id-deċiżjonijiet qegħdin jingħataw bi preġudizzju sħiħ għad-drittijiet fundamentali tal-operaturi Maltin, li għandhom liċenzja maħruga mill-MGA skond il-liġi Maltija, liema Awtorita' tippermetti lill-operaturi liċenzjati minnha jipprovdu s-servizzi tagħhom online f'pajjiżi oħra inkluż fl-Awstrija. Dan qiegħed jsir in osservanza tal-Artikolu 56 tat-TFEU li jistipula hekk:*

> *"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi. […]"*
>
> *F'kawżi varji li jikkonċernaw ir-rifjut tar-rikkonoxximent u infurzar tas-sentenzi Awstrijaċi ġewwa Malta, l-Awtorita mhux biss qalet li ma tagħrafx il-validita' tal-liġi rilevanti ta' l-Awstrija fl-ambitu tal-liġi tal-UE, iżda qalet ukoll li din il-liġi tal-Awstrija hija illegali peress li tmur kontra l-Artikolu 56 tat-TFEU, u dan hekk kif jirriżulta mill-parir legali hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok C****;*

*Illi għalhekk għal kuntrarju ta' dak indikat mill-attur fir-rikors promotur l-proċeduri bejn il-partijiet li jinstabu pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandhom bażi legali b'saħħita u għalhekk din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tikkunsidra tagħmel ordni ta' stralċ kontra s-soċjeta' esponenti minħabba l-fatt li hija rinfaċċata b'dejn, liema dejn huwa disputat fi proċeduri pendenti u separati.*

4. *Illi fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, in vista tal-fatt illi jeżistu dawn il-proċeduri pendenti bejn l-istess partijiet li permezz tagħhom l-esponenti Virtual Digital Services Limited qiegħda tikkontesta d-dejn mertu ta' dawn il-proċeduri, dina l-Onorabbli Qorti b'kull rispett għandha f'dan l-istadju tastjeni milli tqis il-mertu tat-talbiet rikorrenti, u dan sakemm jiġi deċiz il-mertu ta' dawn il-proċeduri separati quddiem il-Qorti kompetenti.*

5. *Illi fil-ħames lok, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk dato ma non concesso il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kellha tirrikonoxxi s-sentenza deċiża mill-Qorti ta' Landergericht fur Zivilrechtssanchen Wien fl-Awstrija bil-konsegwenza li r-rikorrent jiġi ddikjarat kreditur b'titolu eżekuttiv u enforzabbli ġewwa Malta kontra s-soċjeta' esponenti, r-rikorrent għandu l-obbligu illi jipprova għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbi Qorti illi s-soċjeta' esponenti ma tistax 'tħallas id-djun tagħha' ai termini tal-Artikolu*

*214(2)(a)(ii) u 214(5)(a) u/jew (b) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fatt illi huwa kkontestat bħala manifestament infondat.*

6. *Illi fis-sitt lok, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit ukoll illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi jeżistu "raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ" tas-soċjeta' intimata ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, hija wkoll assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi dan joħroġ ċar mill-premessi insensati ta' l-istess rikorrent f'dan ir-rigward fejn donnu qed jinsinwa li d-dritt li għandha s-soċjeta' intimata, li tikkontesta s-sentenza Awstrijaka f'Malta ai termini tar-Regolament (hekk kif sopraċitat), jikkonsisti f' "manuvri qarrieqa u frawdolenti". L-istess jingħad fir-rigward l-allegazzjonijiet infondati fir-rigward tan-negozju, il-grupp u l-istruttura tas-soċjeta' intimata, u dan meta jitqies li bħala stat ta' fatt is-soċjeta' intimata mhux biss ilha topera f'dan is-settur għal diversi snin, iżda hija wkoll parti mill-entita pubblika 888 Holdings plc - u ċioé waħda mill-akbar gruppi ta' kumpaniji fl-industrija tal-igaming, li fl-2022 akkwista l-assi kollha tal-grupp 'William Hill' għas-somma ta' madwar 2.2 biljun lira sterlina (hekk kif ukoll kien irrappurtat hawn Malta, vide* ***Dok D****).*

7. *Illi fis-seba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti hija waħda (i) operattiva, (ii) in good standing, (iii) hija amministrata u ġestita b'mod professjonali minn team ta' esperti fl-industrija tal-igaming skond l-ogħla livelli ta' corporate governance, (iv) li tagħmel qliegħ sostanzjali minn sena għall-oħra, (v) u li assolutament ma għandha l-ebda intenzjoni li b'xi mod tissparpalja jew tnaqqas il-valur tal-assi tagħha, u għaldaqstant assolutament ma jeżistux ir-rekwiżiti u l-ħtieġa għall-ħatra ta' amministratur provviżorju (bl-ispejjez inġenti dovuti lill-amministratur u l-konsegwenzi kollha li tali ħatra ġġib magħha) ai termini tal-Artikolu 228 tal-Kap 386, liema ħatra kieku kellha ssir, tkun ta' preġudizzju serju u irrimedjabbli għas-soċjeta' esponenti, u r-reputazzjoni tagħha.*

8. *Illi fis-tmien lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif ser ikollha opportunita' tapprezza din l-Onorabbli Qorti fil-mori ta'*

> *dawn il-proċeduri, r-rikors għall-stralċ odjern ippreżentat kontra waħda mill-akbar kumpanniji tal-iGaming ġewwa Malta, huwa b'kull dovut rispett, rikors intempestiv, frivolu, vessatorju, abbużiv u magħmul in mala fede u bl-iskop uniku li jitfa pressjoni spoporzjonata fuq is-soċjeta' esponenti sabiex twaqqaf il-proċeduri legali li permezz tagħhom qiegħda tiġġieled, kif inhu d-dritt tagħha, r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka. Għalhekk ukoll ir-rikors tar-rikorrent jikkostitwixxi abbuż serju ta' proċeduri legali u għaldaqstant minbarra illi r-rikorrent għandu jbati l-ispejjez kollha (inkluz tal-kumpannija esponenti) fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, l-kumpannija esponenti qiegħda minn issa stess tirriżerva kull azzjoni spettanti lilha skond il-liġi għar-riżarċiment ta' danni illi hija tista' ġġarrab bl-aġir irresponsabbli, arbitrarju u abużiv tar-rikorrent.*

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2023, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat li l-ewwel tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni.

Rat in-nota tar-rikorrent noe. intavolata fid-29 ta' Marzu 2023 (fol 92) li permezz tagħha ppreżenta żewġ dokumenti, inkluż affidavit ta' **Prof. Marek Ehrlich** (fol 93 sa fol 98) u rat in-nota tal-11 ta' Mejju 2023 li permezz tagħha ġew annessi mal-istess affidavit id-dokumenti li ssir referenza għalihom fl-istess affidavit imma li bi żvista ma kienux ġew annessi qabel.

Rat illi fl-udjenza tas-17 t'April 2023, id-difensur tar-rikorrent iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi rigward l-ewwel eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2023, xehdet **Karen Demicoli in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet** prodotta mis-soċjeta' intimata.

Rat in-nota tas-soċjeta' intimata intavolata fit-18 ta' Lulju 2023 (fol 123) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Katie Booty** (fol 124 sa fol 129).

Rat li fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024 xehdu **Katie Booty** u **Prof Marek Ehrlich** in kontro-eżami.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2023, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawza għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi s-**soċjeta` intimata** Virtual Digital Services Limited tikkontendi li in vista tal-provvediment tar-regolament 3(1) u (2) tal-Liġi Sussidjarja 386.24, ossia l-*Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations*, id-dritt tar-rikorrenti bħala allegata kreditur tas-soċjeta` intimata sabiex tippreżenta dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikoli 214 u 218 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sospiż, bir-riżultat li proċeduri ta' din in-natura ma setgħux jiġu ntavolati u għalhekk ir-rikorrent noe m'għandux il-jedd li jintavola dawn il-proċeduri.

**Illi irid jingħad mill-bidu, illi għalhekk dak li ser tkun qed tgħid il-Qorti f'din is-sentenza in parte mhux u ma għandux jiġi miftiehem jew interpretat illi l-Qorti daħħlet jew qed tesprimi ruħa fuq il-mertu tal-vertenza, iżda dak li qed hawnhekk jingħad qed jingħad biss għall-finijiet ta' dak hawnekk trattat u deċiż b'mod parzjali.**

**Ikkunsidrat Ulterjoment:**

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet, jirriżultaw is-segwenti fatti:

Fl-affidavit tiegħu, il-**Prof. Marek Ehrlich** jgħid li hu kirurgu tal-qalb fil-University of Vienna General Hospital u fil-ħin liberu tiegħu jirrilassa billi jilgħab logħob tal-poker virtwali. Jgħid li fl-2016 inkiteb mas-sit https://de.888poker.com li kienet operata mill-kumpanija reġistrata f'Malta bl-isem Virtual Digital Services Limited li għandha liċenzja biex topera mill-Malta Gaming Authority.

Jispjega li fil-proċess tar-reġistrazzjoni saru verifiki tal-identita` tiegħu fejn ipprovda dettalji personali u prova tar-residenza, u tali informazzjoni ndikat b'mod ċar li hu residenti Awstrijak u pprovda wkoll id-dettalji tal-kont bankarju tieghu Awstrijak.

Jgħid li ma sab ebda diffikulta` sabiex juża s-sit anke jekk in-nazzjonalita` Awstrijaka tiegħu ġiet ikkonfermata u għalhekk hu għamel użu mis-sit bla ebda xkiel bejn Jannar 2016 u Settembru 2017. Jispjega li l-użu prinċipali tas-sit kien parteċipazzoni f'logħba partikolari jisimha 'Texas Hold'em'.

Jispjega li fil-logħob tiegħu tilef is-somma ta' erba' mija u sebgħa u disgħin elf, mija u ħdax-il Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€497,111.41). Jgħid li

b'kollox azzarda s-somma ta' ħames mija u disat elef, erba' mija u wieħed u ħamsin Ewro u ħames ċenteżmi (€509,451.05) u rċieva biss fil-kont bankarju tiegħu s-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u erba' Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€20,904.58).

Isostni li la ma kienx hemm xejn x'jindika mod ieħor u assuma li s-sit u l-logħob li jinsab fiha kien konformi mal-liġi Awstrijakka, u dana sakemm qara artiklu fil-gazzetta "Kurier" f'Mejju 2019 u sab li s-sit in kwistjoni kienet qed topera b'mod illegali. Għalhekk fittex għajnuna legali u skopra l-illegalita` u li hu kien vittma ta' frodi li permezz tiegħu tilef ħafna flus. Jgħid li kieku kien jaf bl-illegalita`, qatt ma kien jipparteċipa f'tali logħob fuq is-sit.

Jgħid li hu ntavola proċeduri fl-Awstrija u f'Jannar 2022 kellu sentenza kontra s-soċjeta' intimata mill-Qorti ta' Landersgericht fur Zivilrechtssanchen Wien, u l-Qorti sabet lis-soċjeta' intimata responsabbli li kienet qed topera llegalment sit b'servizzi li ma jistgħux jiġu offruti ġewwa l-Awstrija. Jispjega li s-soċjeta' intimata m'appellatx mid-deċiżjoni u għalhekk id-deċiżjoni ġiet enforzabbli. Wara li ottjena European Enforcement Order Certificate interpella lis-soċjeta' intimata permezz ta' ittra uffiċjali 3122/2022 sabiex tħallasu s-somma globali ta' ħames mija u erbgħa u sittin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€564,695.46), liema ittra ġiet notifikata lis-soċjeta' intimata fit-23 ta' Awwissu 2022, iżda baqgħet mhux imwieġba. Jispjega li għalhekk ipproċeda b'mandat ta' sekwestru 980/2022 kontra l-istess soċjeta' intimata. Jgħid li iżda ma sar ebda depożitu.

Jispjega li fil-frattemp huwa ntavola wkoll rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bir-referenza 515/2022RGM fejn talab lill-Qorti tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti Awstrijakka, liema proċeduri għadhom pendenti.

Isostni li għandu dubji serji dwar kemm il-kumpanija intimata hi kapaċi tħallas id-djun tagħha stante li qatt ma ġew depożitati flus wara l-mandat ta' sekwestru, anke jekk is-sentenza fl-Awstrija ma ġietx appellata, biex mbagħad l-istess soċjeta' intimata qed topponi r-rikonoxximent tal-istess sentenza. Jikkontendi li minħabba l-istruttura tal-kumpanija huwa jissuspetta li hemm kummerċ frawdolenti u għalhekk ntavola l-proċeduri odjerni.

In **kontro-eżami** jgħid li hu ilu jipprattika bħala kirurgu tletin sena u jikkonferma li ilu jilgħab il-logħob tal-azzard virtwali mill-2016. Għamel użu mis-sit 888 sas-sena 2017, imbagħad beda juża sit Awstrijak *Casino win today*.

Jikkonferma li meta rreġistra hu kien jaf li s-sit kien reġistrata mal-Awtoritajiet ta' Malta u jikkonferma ukoll li l-ammont ta' flus imsemmija fl-affidavit tiegħu tilifhom bejn Jannar tas-sena 2016 u Settembru tas-sena 2017. Jgħid li dak iż-

żmien għażel li jieqaf jilgħab għax ma xtaqx jilgħab aktar, anke jekk jikkonferma illi reġa' beda jilgħab fl-2021. Mistoqsi jekk qattx innota xi ħaġa rregolari meta kien qed juża s-sit, jgħid li dejjem assuma li s-sit kien qed jopera f'konformita` mal-liġi Awstrijakka, filwaqt illi jikkonferma illi fl-Awstrija hemm biss kumpanija waħda li tista' tipprovdi dan is-servizz.

Ir-rikorrent ippreżenta opinjoni legali minn Avukat Awstrijak, **Dr Melany-Buchberger-Golabi**, liema opinjoni legali din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha. L-istess opinjoni legali tikkonferma li s-sentenzi tal-Qorti Awstrijakka hija finali u enforzabbli sa' mit-28 ta' Jannar 2022.

Fix-xhieda tagħha, **Karen Demicoli in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropeju u Artijiet** tikkonferma li l-Liġi Sussidjarja 386.24 kienet għadha (fil-mument tad-depozizzjoni tagħha) fis-seħħ u kien hemm proċess għaddej biex tinbidel. Tgħid illi għadha fis-seħħ "*għax il-proċess biex tinbidel għadu għaddej*", anke jekk tgħid illi "*bdejna proċess fl-aħħar tas-sena li għaddiet* (2022) *biex tinbidel*". Tispjega ulterjorment illi hemm diskussjonijiet "*biex tiġi lifted is-suspension*" u tkompli illi "*.... id-diskussjonijiet għadhom qed jirrivolvu madwar id-drafting tagħhom....*".

Fl-affidavit tagħha, **Katie Booty**, Group Legal Director - Disuptes tas-soċjeta` Williem Hill Organization Limited, tispjega li l-kumpanija intimata tifforma parti minn 888 Holdings Plc Group. Tispjega li s-soċjeta' intimata hija kumpanija reġistrata f'Malta u topera fis-settur tal-logħob u toffri servizzi B2C online mis-siti tagħha.

Tgħid li permezz tal-artikolu 56 tat-Trattat tal-Iffunzjunar tal-Unjoni Ewropea, mis-siti tagħha toffri servizzi lin-nies li jinsabu f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea inkluż l-Awstrija. Tikkonferma li l-kumpanija kienet reġistrata u tħallas taxxa fl-Awstrija bejn Jannar 2016 u April 2023 u hija in konformita` mal-obbligi tat-taxxa rispettivi. Tispjega li hemm monopolju fuq l-imsemmi settur fl-Awstrija u r-restrizzjonijiet imposti mill-istat kemm-il darba ġew taħt l-iskrutinju tal-Unjoni Ewropea stante li jmorru kontra s-suq ħieles tas-servizzi. Tgħid li l-Awstrija dan topponih a bażi tal-interess pubbliku u l-protezzjoni tar-residenti tagħha u dwar dan hemm diskussjonijiet u kawżi pendenti.

Fir-rigward tar-rikorrent, hi tgħid li dan irreġistra mas-sit u aċċetta t-termini u l-kondizzjonijiet u kien attiv bejn Jannar 2016 u Settembru 2017, fejn l-attivita`

tiegħu kienet tikkonsisti primarjament f'logħob tal-poker. Tispjega li s-sit jieħu ħlas amministrattiv u ma jirċevix dak li jkun tilef il-ġukatur.

Tgħid li r-rikorrent fittex lill-kumpanija fuq allegat operat illegali, u l-kumpanija intimata hija finanzjarjament stabbli iżda meta ġara l-każ kien iż-żmien tal-pandemija COVID' 19 u għalhekk, bħal kull kumpanija oħra, kienet qed issofri telf u riedet tieħu ħsieb il-finanzi tagħha.

Issostni li l-proċeduri li r-rikorrent intavola fl-Awstrija u l-enforzabilita` tagħhom għadha qed tiġi attakkata stante d-drittijiet stabbiliti bl-artikolu 56 tal-TFEU. Tgħid li permezz tal-Avviż Legali 373 tal-2020, il-Gvern ta' Malta issospenda d-dritt li kreditur jiftaħ proċeduri bħal dawk odjerni, liema avviż għadu attiv u għalhekk għandu japplika għal każ odjern stante li ċ-ċirkustanzi odjerni seħħew bejn Jannar 2016 u Settembru 2017.

In **kontro-eżami,** hija tikkonferma li l-kumpanija għadha qed toffri s-servizzi tagħha fl-Awstrija tramite l-liċenzja Maltija. Tikkonferma li r-rikorrent ottjena sentenza favurih mill-Qorti Awstrijakka, liema deċiżjoni ma ġietx appellata. Tgħid li mhux minnu li l-kumpanija qegħda tinjora għal kollox sentenzi simili iżda qed tistenna l-opportunita` li tisfida dan quddiem l-Qorti tal-Unjoni Ewropea.

Tgħid li r-rikorrent ma tħallasx l-ammont dovut lilu minħabba li l-kumpanija ma taqbilx ma' dak deċiż mill-Qorti Awstrijakka u mhux minħabba li hi insolventi. Filwaqt illi kkonfermat illi s-socjeta` intimata m'għandhiex assi f'Malta, hi kkonfermat illi l-kumpanija intimata qegħda fi stat finanzjarju tajjeb li tista' tħallas lir-rikorrent.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Mis-sottomissjonijiet u t-trattazzjoni magħmulha mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti punti saljenti:

Il-**kumpanija intimata** ssostni l-ewwel eċċezzjoni tagħha, ossia li dawn il-proċeduri għandhom jiġu sospiżi ai termini tal-Liġi Sussidjarja 386.24, *Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding up) Regulations* u dan a bażi tal-fatt li primarjament dawn il-proċeduri ċertament li ġew intavolati wara l-20 ta' Marzu 2020. Oltre` minn hekk fir-rigward tal-Artikolu 3(3) tal-istess regolament, hija tissottometti li qabel is-16 ta' Marzu 2020, ir-rikorrent ċertament li ma kienx kreditur tas-soċjeta' intimata u dana stante li huwa ntavola l-proċeduri quddiem il-Qrati Awstrijakki fl-2021 u għalhekk ċertament li wara s-16 ta' Marzu 2020. Barra minn hekk, ma nġiebet ebda

prova mir-rikorrenti li fis-16 ta' Marzu 2020, il-kumpanija ma kinitx f'qagħda li tħallas id-dejn tagħha, u dana stante partikolarment li l-mandat intavolat mir-rikorrent kien wieħed kawtelatorju u mhux eżekuttiv kif tesiġi l-liġi. Għalhekk jikkontendu li minn imkien ma jirriżultaw iċ-ċirkostanzi gravi fuq bażi *prima facie* kienu jeżistu minn qabel is-16 ta' Marzu 2020.

Fit-**trattazzjoni** tagħha ssostni li dak li trid tiżen il-Qorti huwa jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ġrawx qabel is-16 ta' Marzu tas-sena 2020 u ċioe` jekk id-dejn pretiż mir-rikorrent kienx jeżisti qabel l-imsemmija data. Tgħid li fil-fatt l-istess dejn qatt ma ġie rikonoxxut bħala dejn u għalhekk qatt ma tħallas u għalhekk tispjega li l-unika raġuni li d-dejn qatt ma tħallas hi li s-sentenza tal-Awstrija mhux rikonoxxibli f'Malta. Issostni li anke kieku dan ma kienx il-każ, id-data tal-istess sentenza hija dik tat-28 ta' Jannar 2022 u għalhekk ċertament wara d-data msemmija fl-Avviż.

Tirreferi għad-digriet kamerali ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2024 fil-kawża fl-ismijiet **Bet-at-home.com Entertainment Ltd vs X** u tgħid li f'dan il-każ il-Qorti ma rrikonoxxietx il-krediti li ġejjin minn sentenzi barranin. Tinsisti li ladarba l-avviż legali għadu viġenti mela din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tilqa' l-eċċezzjoni tagħha.

Minn naħa tiegħu, **ir-rikorrent** jinsisti li l-kreditu tiegħu jmur ferm aktar lura mis-16 ta' Marzu 2020, u ċioe` lura għas-snin 2016 u 2017, hekk kif ikkonfermat ukoll mis-sentenza tal-Qorti Awstrijaka. Oltre` minn hekk, b'referenza għad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti stess fl-ismijiet **Av. Jonathan Abela Fiorentino noe vs Melars Group Limited** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2022 u **Cle De Voute Limited et vs DQR-Group Limited** deċiża fit-22 ta' Jannar 2024, isostni li l-avviż in kwistjoni m'għandx hemm il-ħtieġa li jibqa' in vigore.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu, r-rikorrent, jinsisti li hemm sentenza finali mill-Qorti tal-Awtrija li hija enforzabbli f'Malta skont ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea 1215/2012 u għalhekk id-dejn huwa ikkanonizzat u eżegwit f'Malta permezz tal-mandati li hemm akkordati mill-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-regolament numru 3 tal-**Liġi Sussidjarja 386.24** intitolata *Companies Act (Suspension for Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations* jgħid is-segwenti:

> ***3**.(1) The right granted under article 218 of the Act to any debenture holder, creditor or creditors to file for the dissolution and consequential winding up of a company in terms of article 214 of the Act is being suspended, and shall remain so suspended for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such suspension.*
>
> *(2) Any action or proceeding in court for the dissolution and winding up of a company in terms of article 214 of the Act filed in the Registry of Courts and Local Tribunals by any debenture holder, creditor, or creditors on or after 16th March, 2020 shall be stayed for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such a stay.*
>
> *(3) Notwithstanding the provisions of sub-regulations (1) and (2), the suspension or stay in terms of this regulation shall not prejudice the power of the Court to order the filing or hearing of applications in terms of article 214 and article 218 of the Act, whenever it is satisfied prima facie that the circumstances claimed in the application for winding up of the company arose prior to the 16th March 2020.*

Illi filwaqt illi jiġi rilevat għal darb'oħra illi ma hemmx verżjoni ta' dan l-Avviż Legali bil-lingwa Maltija, jiġi rilevat illi <u>finalment</u> fil-**15 ta' Marzu 2024 b'Avviż Legali Nru 70 tas-sena 2024 (L.S. 386.29)**, "*the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has made the following order for the purpose of lifting the suspension of the proceedings in terms of the Companies Act (Suspension of Filing for Dissolution and Winding Up) Regulations"*.

Filwaqt illi dan huwa ta' solljev u din il-Qorti trid tinnota illi saru numru ta' komuniki f'dan ir-rigward lill-awtoritajiet kompetenti peress illi kien ilu jinħass il-bzonn illi l-L.S. 386.24 tigi *lifted*, il-Qorti tibqa' b'dana kollu perplessa kif, Avviż Legali tant sempliċi ta' tlett linji, minn dak li jirriżulta mix-xhieda ta' Karen Demicoli f'dan il-proċeduri, kellu jdum kważi sentejn biex jiġi pubblikat, fi kliemha, bi proċess twil ta' diskussjonijiet dwar *id-drafting* tagħhom – sentejn illi fihom, jingħad, il-Qorti ħliet ħin tittratta u tiddeċiedi eċċezzjonijiet fir-rigward meta faċilment dak il-ħin seta' jiġi utilizzat band'oħra.

B'hekk, il-Qorti tqis illi llum, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 386.24 m'għadhiex aktar fis-seħħ. Tqis ukoll illi anke kieku stess l-eċċezzjoni kellha mis-sewwa, illum għaddew l-erbgħin (40) jum kontemplati fis-sub-inċiż wieħed tal-klawsola 3, in

kwantu illi l-Avviż Legali numru 70 ta' din is-sena kurrenti iġib id-data tal-15 ta' Marzu 2024 u allura xorta waħda jitqies illi għadda l-perjodu ta' sospensjoni.

Konsegwentament tqis illi l-eċċezzjoni *de quo* ġiet reża irrelevanti bil-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 70 tas-sena kurrenti. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**DECIDE**

**GĦALDAQSTANT, għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess soċjeta' intimata u konsegwentament tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**